105. Jenfasizza l-importanza tal-programm Ewropew tat-tagħlim tul il-ħajja u l-erba' subprogrammi tiegħu Comenius, Erasmus, Leonardo da Vinci u Grundtvig, il-programm Comenius għandu rwol essenzjali fil-ġlieda kontra t-tluq bikri mill-iskola;

106. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi l-viżibilità tal-programm ta' azzjoni Comneuis dwar il-mobilità individwali tal-istudenti li jista' jikkontribwixxi biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola;

*

* *

107. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

L-applikazzjoni tal-Kroazja biex issir membru tal-Unjoni Ewropea

P7_TA(2011)0539

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Kroazja biex issir membru tal-Unjoni Ewropea (2011/2191(INI))

(2013/C 165 E/03)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll u l-Att Finali,

— wara li kkunsidra l-applikazzjoni għall-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, imressqa mir-Repubblika tal-Kroazja fil-21 ta' Frar 2003,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2004 dwar l-applikazzjoni mir-Repubblika tal-Kroazja biex issir membru tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2005 biex jiftaħ in-negozjati tal-adeżjoni mar-Repubblika tal-Kroazja,

— wara li kkunsidra r-rapporti regolari tal-Kummissjoni dwar il-progress tal-Kroazja lejn l-adeżjoni, li jkopru l-perjodu 2005-2011,

— wara li kkunsidra r-rapport intermedju tal-Kummissjoni dwar ir-riformi fil-Kroazja fil-qasam tad-drittijiet ġudizzjarji u fundamentali tat-2 ta' Marzu 2011,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Salonka tad-19-20 ta' Ġunju 2003 dwar il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2011,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet u r-rapporti preċedenti tiegħu kollha dwar il-progress tal-Kroazja u dwar il-proċess ta' tkabbir,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet preċedenti kollha tal-Kumitat Parlamentari Konġunt tal-UE-Kroazja,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7–0389/2011),

Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011

A. billi għoxrin sena wara li ddikjarat l-indipendenza tagħha u madwar tmien snin wara li ppreżentat l-applikazzjoni tagħha biex issir membru tal-UE, il-Kroazja laħqet stadju storiku fil-proċess ta' integrazzjoni tagħha fl-UE billi għalqet b'suċċess in-negozjati ta' adeżjoni; billi l-kisbiet tal-Kroazja jistħoqqilhom għarfien mingħajr riservi;

B. billi l-proċess ta' adeżjoni kkontribwixxa b'mod sinifikanti għat-trasformazzjoni tal-Kroazja f'demokrazija solida u matura bbażata fuq il-valuri Ewropej; billi l-prospett tal-adeżjoni jservi bħala katalist b'saħħtu għar-riforma peress li jimmobilizza d-diversi atturi fil-ħajja politika, ekonomika, soċjali u kulturali; billi l-isforzi ta' riforma jeħtieġ li jiġu sostnuti wkoll wara t-tlestija tan-negozjati tal-adeżjoni bil-għan li l-pajjiż u ċ-ċittadini tiegħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-adeżjoni mal-UE;

C. billi l-adeżjoni tal-Kroazja ssaħħaħ l-UE, tarrikkixxi l-kultura u l-wirt storiku Ewropej u tagħti kontribut importanti għaż-żamma tal-kredibilità tal-proċess ta' tkabbir, filwaqt li, sadanittant isservi bħala eżempju tajjeb ta' kif l-implimentazzjoni kuxjenzjuża tal-impenji kollha li ngħataw tista' twassal għall-kisba tal-miri predefiniti kollha;

D. billi huwa essenzjali fil-proċess tal-adeżjoni li kull pajjiż għandu jkun iġġudikat skont il-merti tiegħu, li l-pass tan-negozjati tal-adeżjoni għandu jiġi ddettat mill-konformità effettiva mal-kriterji ta' Kopenħagen u li l-grad ta' konformità ma' dawk il-kriterji għandu wkoll jiddetermina d-data aħħarija tal-adeżjoni;

E. billi r-riformi kontinwi, u l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom, fl-oqsma, fost l-oħrajn, tad-drittijiet ġudizzjarji u fundamentali u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni jibqgħu essenzjali għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt għall-benefiċċju taċ-ċittadini Kroati;

F. billi rikonċiljazzjoni vera bejn il-popli differenti u t-twaqqif ta' relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien jikkontribwixxu sostanzjalment għal proċess ġenwin ta' integrazzjoni Ewropea; billi l-prosekuzzjoni għad-delitti tal-gwerra u r-reintegrazzjoni tar-rifuġjati u tal-persuni li kien mġiegħla jħallu darhom huma elementi fundamentali tal-proċess ta' rikonċiljazzjoni;

G. billi l-adeżjoni b'suċċess tal-Kroazja se jkollha implikazzjonijiet Ewropej u reġjonali usa' u se tagħti impuls pożittiv lill-proċess ta' integrazzjoni Ewropea kemm fir-reġjun tal-UE u tal-Balkani tal-Punent; billi l-prospett tal-adeżjoni mal-UE huwa inċentiv qawwi għall-pajjiżi kandidati u għall-pajjiżi potenzjalment kandidati fir-reġjun, fi triqithom lejn l-integrazzjoni Ewropea, biex iwettqu r-riformi politiċi, ekonomiċi u leġiżlattivi meħtieġa u għat-tisħiħ tal-paċi, l-istabbilità u r-rikonċiljazzjoni abbażi ta' relazzjonijiet tajba mal-ġirien; billi l-UE għandha ssaħħaħ il-perspettiva Ewropea għall-pajjiżi ġirien tal-Kroazja u għandha tħeġġeġ b'mod kontinwu lil dawk il-pajjiżi biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom fi triqithom lejn l-adeżjoni sħiħa tal-UE;

1. Jilqa' l-konklużjoni tan-negozjati ta' adeżjoni mal-Kroazja, li jġibu fit-tmiem kważi sitt snin ta' negozjar u diversi snin ta' tħejjija li biddlu b'mod sinifikanti x-xena soċjopolitika, ekonomika u kulturali tal-pajjiż; jenfasizza l-ħtieġa li tinżamm ir-rankatura ta' riformi u jqis li dan il-proċess għadu mhux komplut, iżda għandu jitkompla bl-istess intensità u sforz wara l-konklużjoni tan-negozjati u wara l-adeżjoni; huwa fiduċjuż li r-riżultati pożittivi ta' dan il-proċess se jsaħħu l-appoġġ għall-adeżjoni mal-UE fost iċ-ċittadini tal-Kroazja, u l-fiduċja tagħhom fiha, u se jħeġġu lin-nies biex jipparteċipaw fir-referendum tal-UE u jappoġġaw it-Trattat ta' Adeżjoni; jappoġġa l-iffirmar tat-Trattat ta' Adeżjoni u jistieden lill-Istati Membri tal-UE jtemmu r-ratifika tagħha fi żmien xieraq; jistenna bil-ħerqa li jirċievi osservaturi parlamentari mill-Kroazja;

2. Jindika li d-dispożizzjonijiet temporanji tat-Trattat ta' Adeżjoni jintroduċu deroga min-numru massimu ta' siġġijiet fil-Parlament Ewropew, kif stabbilit fit-Trattati, sal-aħħar tal-leġislatura 2009-2014; huwa deċiż li jippreżenta l-proposta tiegħu għad-deċiżjoni li tiddetermina l-kompożizzjoni l-ġdida tal-Parlament Ewropew fi żmien biżżejjed qabel l-elezzjonijiet tal-2014, skont l-Artikolu 14(2) TUE; jindika li l-aspetti istituzzjonali rilevanti kollha tal-adeżjoni jridu jitqiesu fit-totalità tagħhom;

3. Jindika li l-proċeduri għall-adozzjoni tat-Trattat tal-Adeżjoni mar-Repubblika tal-Kroazja min-naħa l-waħda, u tal-protokolli mitluba mill-Irlanda u mir-Repubblika Ċeka min-naħa l-oħra, għandhom bażijiet differenti fit-trattat – l-Artikoli 49 TUE u 48 TUE rispettivament – u għaldaqstant ma jistgħux jiġu inkorporati legalment f'att wieħed;

4. Jinsab konvint li l-konklużjoni tan-negozjati ta' adeżjoni hija xhieda tal-kredibilità tal-proċess ta' tkabbir tal-UE; jenfasizza li l-progress miksub fit-triq tal-adeżjoni jirrifletti l-fatt li l-prospettivi tal-adeżjoni għadhom jippromwovu r-riformi politiċi u ekonomiċi, u li l-integrazzjoni Ewropea sservi bħala mezz biex il-pajjiżi jirrikonċiljaw rwieħhom anke lil hinn mill-fruntieri tal-UE;

5. Jistenna li l-Kummissjoni tissorvelja tħejjijiet ulterjuri għall-adeżjoni b'oġġettività u tgħin lill-awtoritajiet Kroati jwettqu l-impenji u l-obbligi li huma daħlu għalihom fin-negozjati; jilqa' r-referenza fit-Trattat tal-Adeżjoni għall-involviment tas-soċjetà ċivili matul il-proċess ta' monitoraġġ u jitlob lill-Kummissjoni tuża bis-sħiħ din il-klawżola u biex tikkonsulta mill-qrib mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili; huwa tal-fehma li l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ ta' qabel l-adeżjoni huwa mod kif il-Kroazja tingħata appoġġ ulterjuri fl-isforzi kontinwi tagħha ta' riforma; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-għajnuna mogħtija permezz tal-Istrument ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) tkompli tkun mill-aktar xierqa u effikaċi;

6. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm attenzjoni partikulari fuq l-impenji mogħtija fil-qasam tal-ġudikatura, tal-affarijiet interni u tad-drittijiet fundamentali – inkluża l-protezzjoni tal-libertà tal-midja bħala waħda mill-istrumenti kruċjali tad-demokrazija, kif ukoll l-implimentazzjoni kontinwa tar-riforma u tal-effiċjenza fil-ġudikatura, it-trattament imparzjali tal-kawżi tad-delitti tal-gwerra, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-protezzjoni tal-minoranzi, l-immaniġġjar tal-fruntieri, il-kooperazzjoni bejn il-forzi tal-pulizija, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali – kif ukoll fuq l-impenji meħuda fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni bil-għan li jiġu rristrutturati kif jixraq u b'mod effikaċi l-industriji tal-bini tal-vapuri u tal-azzar; iqis li huwa importanti li l-Kroazja tibni rekord pożittiv f'dawn l-oqsma qabel l-adeżjoni;

7. Ikompli jissorvelja l-proċess, u jistieden lill-Kummissjoni żżommu infurmat regolarment dwar kemm l-awtoritajiet Kroati jonoraw l-impenji li huma ħadu fit-Trattat tal-Adeżjoni sabiex jassumu bis-sħiħ l-obbligi ta' adeżjoni tagħhom kif l-Kroazja ssir membru fl-1 ta' Lulju 2013; jistieden lill-awtoritajiet Kroati jimplimentaw l-impenji b'mod trasparenti u inklussiv, filwaqt li jinvolvu lill-Parlament Kroat u lis-soċjetà ċivili, u jevalwaw regolarment il-progress tar-riformi; jirriżerva d-dritt li jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-Kroazja matul il-proċess ta' sorveljanza;

8. Waqt li jirrikonoxxi l-progress tajjeb li sar fir-riforma ġudizzjarja, jinkuraġġixxi lill-Kroazja tkompli timplimenta r-riformi tal-ġudikatura, skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, minħabba li sistema ġudizzjarja effiċjenti, indipendenti u imparzjali hija importanti għall-iżvilupp ekonomiku u ssaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istat tad-dritt; jistieden lill-Kroazja tindirizza l-isfidi li għad fadal f'dan il-qasam, partikolarment fir-rigward tat-titjib fl-effiċjenza ġudizzjarja u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-indipendenza, l-imparzjalità u r-responsabilità tal-ġudikatura u dwar il-kriterji oġġettivi u bbażati fuq il-mertu għall-ħatra u l-promozzjoni tal-imħallfin;

9. Filwaqt li jilqa' d-determinazzjoni tal-Kroazja li tiġġieled il-korruzzjoni, iqisha bħala waħda mill-oġħla prijoritajiet biex tkompli l-ġlieda, b'mod partikulari, tal-korruzzjoni ta' livell għoli – fil-ġudikatura, fl-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, fl-amministrazzjoni pubblika u fil-kumpaniji tal-istat – li għandha tkompliha b'determinazzjoni kull fejn tidher, bl-infurzar rigoruż tal-liġi u bl-iżvilupp ta' rendikont tal-prosekuzzjonijiet ta' suċċess; jinnota li hemm bżonn ulterjuri biex jissaħħu t-trasparenza u l-integrità fl-amministrazzjoni pubblika u fil-qasam tal-pulizija; jemmen li huwa essenzjali li tkun implimentata b'mod effikaċi leġiżlazzjoni tal-akkwist pubbliku, biex tkun żgurata t-trasparenza fis-settur pubbliku, biex iċ-ċittadini jingħataw aċċess għall-informazzjoni fuq l-infiq pubbliku u biex tiżdied it-trasparenza fil-finanzjamenti tal-partiti;

Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011

10. Jistieden lill-awtoritajiet Kroati jkomplu jsaħħu l-kapaċitajiet amministrattivi tal-korpi ta' kontra l-korruzzjoni, billi jsegwu fost l-oħrajn l-aqwa prattika tal-UE, u li jrawmu kultura ta' responsabilità fil-qasam politiku, fis-settur pubbliku u f'dak ġudizzjarju bħala prerekwiżit għall-ħolqien u t-tisħiħ tal-istat tad-dritt; jenfasizza li hemm bżonn ta' sforzi kontinwi sabiex it-trattament tal-każijiet marbuta mal-kriminalità organizzata u mal-korruzzjoni jsir aktar effikaċi u biex tissaħħaħ il-leġiżlazzjoni li tipprojbixxi l-kumpaniji li għandhom rabtiet ma' organizzazzjonijiet kriminali milli jipparteċipaw fl-akkwist pubbliku; iqisu importanti li jkompli jirriforma l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi sabiex jagħmilhom effiċjenti, effikaċi, depolitiċizzati u konformi mad-drittijiet ċivili u l-libertajiet;

11. Iħeġġeġ lill-Kroazja ttejjeb l-isforzi tagħha għall-prosekuzzjoni tad-delitti tal-gwerra, biex timplimenta l-istrateġija l-ġdida dwar l-impunità, li hija fundamentali għall-iżgurar tal-ġustizzja u biex tinkiseb rikonċiljazzjoni dejjiema fir-reġjun, u biex tindirizza każijiet ta' impunità fejn il-vittmi kienu ta' etnija Serba jew l-allegati responsabbli kienu membri tal-forzi tas-sigurtà Kroati; jistieden lill-Gvern Kroat, bħala pass importanti fil-ġlieda kontra l-impunità, jalloka riżorsi finanzjarji adegwati u jipprovdi l-appoġġ sħiħ lill-ġudikatura Kroata sabiex l-investigazzjonijiet ta' delitti tal-gwerra jsiru aktar malajr; barra minn hekk, jinkuraġġixxi lill-awtoritajiet Kroati jkomplu jikkooperaw b'mod attiv mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY) u biex jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet kollha li għad fadal tal-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-ICTY; jistieden lill-Kroazja u lis-Serbja jikkooperaw bis-sħiħ fil-qasam tal-ġustizzja, partikolarment fir-rigward tal-prosekuzzjoni tad-delitti tal-gwerra;

12. Jistieden lill-Gvern ikompli jħeġġeġ, u jiffaċilita b'mod effikaċi, ir-ritorn tar-rifuġjati u tal-persuni li kienu mġiegħla jħallu darhom, filwaqt li jagħti attenzjoni speċjali s-sitwazzjoni ta' persuni ta' etnija Serba li jirritornaw, u biex itejjeb il-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol tagħhom; jistieden lill-awtoritajiet Kroati jkomplu jniedu proġetti ta' rkupru soċjali u ekonomiku għall-gruppi vulnerabbli, speċjalment ir-rifuġjati, u jfittxu modi effikaċi u sostenibbli li jimplimentaw il-miżuri li jikkonċernaw id-djar u l-impjiegi b'mod konsistenti ma' programmi soċjali u tal-impjiegi oħra; jistenna li l-pajjiżi kollha tar-reġjun ikollhom politiki miftuħa rigward ir-ritorn tar-rifuġjati;

13. Jilqa' l-progress li sar fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa u tal-ugwaljanza bejn is-sessi; jinsab imħasseb, madankollu, li n-nisa għadhom sottorappreżentati b'mod qawwi fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet ekonomiċi u politiċi; jitlob lill-awtoritajiet Kroati jiffinalizzaw minnufih l-implimentazzjoni tal-Att dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, jippromwovu b'mod aktar attiv il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika, isaħħu l-pożizzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u jintroduċu l-prinċipju ta' paga ugwali;

14. Jappoġġa l-isforzi biex tippromwovi klima ta' tolleranza fil-pajjiż; jinkuraġġixxi lill-awtoritajiet Kroati jkomplu l-isforzi tagħhom biex jiġġieldu kull tip ta' diskriminazzjoni, u jimplimentaw il-leġiżlazzjoni ta' kontra d-diskriminazzjoni, kif ukoll biex jindirizzaw b'determinazzjoni l-każijiet ta' reati ta' mibegħda, l-inċitament għall-mibegħda, theddid razzjali u intolleranza kontra l-minoranzi etniċi u l-LGBT; barra minn hekk jistieden lill-Kroazja tkompli taġixxi fl-ispirtu tat-tolleranza u biex tieħu miżuri xierqa għall-protezzjoni ta' dawk li jista' jkun għadhom suġġetti għal theddid jew għal atti ta' intimidazzjoni;

15. Jinsab imħasseb sew minħabba l-vjolenza li kien hemm kontra dawk li ħadu sehem fid-dimostrazzjonijiet favur id-drittijiet tal-LGBT fi Split fil-11 ta' Ġunju 2011 u minħabba li l-awtoritajiet Kroati ma kinux kapaċi jipproteġu l-parteċipanti; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Kroati jinvestigaw bis-sħiħ ir-reati mwettqa u jifthu proċeduri ġudizzjarji għalihom u biex jiżviluppaw strateġiji għall-prevenzjoni ta' inċidenti simili fil-futur; jitlob lill-awtoritajiet Kroati jadottaw u jimplimentaw rapidament pjan ta' azzjoni kontra l-omofobija;

16. Jitlob lill-awtoritajiet Kroati jkomplu jiġġieldu kontra t-traffikar tal-bnedmin;

17. Jinkuraġġixxi lill-Kroazja tkompli ssaħħaħ id-drittijiet bażiċi tax-xogħol u tat-trejdjunjins, isaħħaħ id-djalogu soċjali mal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u biex tippromwovi fit-tfassil tal-politika u l-bini tal-kapaċità għas-sħab soċjali, inkluż it-tisħiħ ulterjuri tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali;

18. Jirrikonoxxi li l-libertà tal-espressjoni hija stipolata fid-dritt Kroat u li ġeneralment hija rispettata; jinkuraġġixxi lill-awtoritajiet Kroati jieħdu aktar passi biex jiżguraw l-indipendenza u l-professjonalità tal-midja; jistieden lill-awtoritajiet Kroati jkomplu juru l-impenn tagħhom fl-iżgurar li s-settur tal-midja jopera mingħajr indħil politiku u li tiġi garantita l-indipendenza tal-korpi regolatorji;

19. Jistieden lill-Kroazja, fid-dawl tal-problemi ekonomiċi attwali, tkompli r-riformi strutturali tagħha tal-ekonomija, tistimola l-impjiegi billi terġa' tagħti l-ħajja lis-suq tax-xogħol u tkompli taħdem ħalli jkun hemm konsolidament fiskali sabiex tiżdied il-kompetittività, sabiex tkun tista' tlaħħaq mal-Istati Membri tal-UE u tkun tista' tibbenefika bis-sħiħ mill-adeżjoni mal-UE; iqis li huwa importanti li l-irkupru ekonomiku jkun akkumpanjat bil-modernizzazzjoni ekonomika, permezz, fost l-oħrajn, ta' effiċjenza enerġetika mtejba, ir-rinfurzar tal-politika dwar sorsi rinnovabbli tal-enerġija, u l-armonizzazzjoni tal-politika tal-iżvilupp territorjali u tal-enerġija; iħeġġeġ lill-Gvern itejjeb il-kuntest kummerċjali ġenerali, jagħti attenzjoni partikolari lill-impriżi żgħar u medji u jappoġġahom billi jipprovdi sforzi ulterjuri għar-riforma tas-sistema soċjali tal-Kroazja sabiex tkun żgurata s-sostenibbilità tal-finanzi pubbliċi; jistieden lill-awtoritajiet Kroati jagħmlu l-proċess tal-iżvilupp territorjali aktar trasparenti u biex jirrispettaw bis-sħiħ l-interess pubbliku u l-istandards ambjentali;

20. Jistieden lill-Istati Membri japplikaw id-deċizjonijiet dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji rigward l-aċċess tal-ħaddiema Kroati fis-swieq tagħhom tax-xogħol abbażi tal-informazzjoni fattwali u fis-sitwazzjoni biss ta' disturbi serji tas-suq nazzjonali tax-xogħol;

21. Jitlob lill-Istati Membri li jixtiequ japplikaw perjodi tranżitorji li jillimitaw l-aċċess liberu għas-suq tax-xogħol tagħhom, biex jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-ammont ta' ħaddiema mistennija li jkunu fit-territorji tagħhom;

22. Jindika li l-konsegwenzi finanzjarji tat-tkabbir għandhom ikunu indirizzati b'mod sħiħ fin-negozjati li ġejjin dwar il-Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) 2014-2020 u dwar id-deċiżjonijiet li jikkonċernaw is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni;

23. Jistieden lill-partijiet kollha involuti jassoċjaw lill-Kroazja, sal-limitu massimu possibli, fil-kapaċità tagħha bħala pajjiż tal-adeżjoni, f'kull skambju ta' fehmiet u negozjati dwar l-MFF 2014-2020; jemmen li l-osservaturi Kroati fil-Parlament Ewropew, ir-rappreżentanti Kroati fil-Kunsill u l-osservaturi fil-Kumitat tar-Reġjuni għandhom jieħdu l-okkażjoni sabiex jippromwovu l-viżjoni tagħhom għall-Unjoni u jagħtu l-kontribut tagħhom fit-tfassil tal-baġit u l-prijoritajiet tal-UE sal-2020;

24. Jinnota l-pożizzjoni tal-UE dwar id-dispożizzjonijiet finanzjarji u baġitarji kif definiti fil-Konferenza dwar l-Adeżjoni tal-Kroazja u bbażati fuq data tal-adeżjoni tal-1 ta' Lulju 2013; jinnota li l-pakketti finanzjarji meħtieġa għall-adeżjoni tal-Kroazja, skont l-intestaturi u s-subintestaturi tal-baġit, għall-aħħar semestru tal-aħħar sena finanzjarja tal-MFF attwali jżidu b'mod sostanzjali l-infiq fil-baġit tal-UE; josserva li l-allokazzjoni għall-Kroazja rriżervata fl-ambitu tal-IPA se titnaqqas mill-ammonti oriġinarjament previsti għall-2013 li, sa ċertu punt, jikkumpensa għall-impatt nett fuq il-baġit tal-UE;

25. Jinnota l-pożizzjoni tal-Coreper, li skontu l-livell kumplessiv tal-infiq m'għandux jinbidel għas-sena finanzjarja 2013, iżda jfakkar madankollu li l-MFF attwali, meta ġie ppreżentat, innegozjat u adottat fl-2006, ma qiesx l-adeżjoni potenzjali tal-Kroazja tul il-perjodu ta' dan l-MFF;

26. Iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tipproponi, kif ippjanat, fl-ewwel parti tal-2012 wara l-firma tat-Trattat ta' Adeżjoni f'Diċembru 2011, u kif stipolat fil-punt 29 tal-Ftehim Interistituzzjonali (FII), reviżjoni tal-MFF għas-sena finanzjarja 2013, sabiex tevita li tiffinanzja l-adeżjoni tal-Kraozja permezz ta' riallokazzjonijiet;

Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011

27. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Kroati – peress li għad hemm dgħufijiet fil-kapaċitajiet amministrattivi ta' istituzzjonijiet rilevanti Kroati – isaħħu aktar l-istrutturi amministrattivi u l-kapaċitajiet istituzzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa tal-*acquis*, sabiex il-pajjiż ikun jista' jieħu l-akbar benefiċċji tas-sħubija mal-UE wara l-adeżjoni;

28. Jilqa' l-adozzjoni mill-Gvern Kroat f'Lulju 2011 tad-dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni tal-valuri Ewropej fl-Ewropa tax-Xlokk; jistieden lill-Kroazja tkompli kostantement taħdem favur it-tkabbir tal-UE u l-promozzjoni tal-valuri Ewropej tal-paċi, il-prosperità, il-libertà, l-istat tad-dritt, id-demokrazija u l-ekonomija soċjali tas-suq fir-reġjun; jinkuraġġixxi lill-Kroazja tkompli ttejjeb rabtiet tajbin mal-ġirien, sabiex tibqa' promotur importanti u proattiv tal-kooperazzjoni reġjonali fil-livelli kollha u sabiex iżżomm l-impenn tagħha biex l-isforzi ta' rikonċiljazzjoni tittraduċihom f'passi prattiċi ta' benefiċċju ekonomiku, soċjali u uman għaċ-ċittadini kollha tar-reġjun;

29. Jappella għal aktar użu tal-istrumenti finanzjarji li jappoġġa lill-SMEs, l-iżvilupp infrastrutturali u l-kuntest tan-negozju bħala parti mill-programm b'ħafna benefiċjarji fil-Balkani tal-Punent; josserva li l-kooperazzjoni reġjonali hija tal-akbar importanza għall-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiżi ġirien tal-Kroazja u għall-kooperazzjoni produttiva magħhom;

30. Jappella għall-progress biex tinstab soluzzjoni rigward kwistjonijiet bilaterali pendenti ma' xi pajjiżi ġirien, b'mod partikolari mas-Serbja, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mad-demarkazzjoni tal-fruntieri, persuni nieqsa, ir-radd lura ta' proprjetà u r-rifuġjati, u jinsab konvint li kwistjonijiet pendenti ta' natura bilaterali m'għandhomx iwaqqfu l-proċess tal-adeżjoni mal-UE ta' pajjiżi kandidati u ta' pajjiżi potenzjalment kandidati fil-Balkani tal-Punent, iżda għandhom jiġu risolti b'mod ġenerali qabel l-adeżjoni, u għalhekk jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Parlament Kroat tal-21 ta' Ottubru 2011 għal dan il-għan;

31. Billi s-suċċess tal-adeżjoni jiddependi ħafna fuq l-appoġġ u l-impenn taċ-ċittadini, jinkuraġġixxi lill-awtoritajiet u lis-soċjetà ċivili Kroati biex, bl-għajnuna tal-Kummissjoni, iwettqu kampanja ta' informazzjoni komprensiva u oġġettiva dwar l-obbligi, il-konsegwenzi u l-vantaġġi riżultat tal-adeżjoni mal-UE, sabiex il-poplu Kroat ikun konxju bis-sħiħ dwar l-għażla tiegħu fir-referendum u sabiex iħares lejn il-proġett Ewropej bħala proġett li huwa tiegħu wkoll;

32. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jippreżenta din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Kroazja.

Is-Semestru Ewropew għall-Koordinament tal-Politiki Ekonomiċi

P7_TA(2011)0542

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar is-Semestru Ewropew għall-Koordinament tal-Politiki Ekonomiċi (2011/2071(INI))

(2013/C 165 E/04)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 121, 126 u 148 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Protokoll Nru 12 u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Protokolli 15 u 16 dwar il-proċedura dwar żbilanċ eċċessiv,

— wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 152 u 153(5) tat-TFUE,